MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 767/2003

**Anthony Baldacchino u Brian Baldacchino**

**Vs**

**Newel Pantalleresco**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta’ April 2003 fejn l-atturi talbu sabiex is-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ Lm1,200 (elf u mitejn lira Maltin) dovuti bhala danni sofferti wara xiri ta’ vettura b’difett mohbi.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Thallas u tirrifondi s-somma ta’ elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn dan l-Onorabbli Tribunal, rapprezentanti danni sofferti mill-attur b’segwitu ta’ xiri minghandek tal-vettura tal-marka Ford Sierra Cosworth, stante illi l-istess vettura kellha difett mohbi, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta minn dan it-Tribunal.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ra n-noti ta’ osservazzjonijiet

Ikkonsidra:
Jirrizulta li l-konvenut ikkonsenja l-vettura tieghu lill-atturi bi skop ta’ bejgh lil terzi. Ex admissis l-atturi agixxew f’isem il-konvneut meta kkonkludew l-istess bejgh lilo certu Charles Butler. Dana jirrizulta mid-dokumenti esibiti a fol. 11-12 ossia kambjala bejn l-atturi u dan Butler, u l-iskrittura maghmula bejniethom. Pero` xi zmien wara rrizulta li l-vettura kienet affettwata minn difett latenti. Per konsegwenza kellu jonfoq Lm1200 biex jirripara l-istess.

Illi din il-kawza tissolleva diversi problemi. In-negozju sar bejn il-konvenut u l-akkwirent tal-vettura tieghu da parti ta’ Charles Butler. L-atturi kienu biss intermedjarji. Jekk hassew necessita li jaghmlu tajjeb ghad-danni subiti mill-kompratur taghhom, allura kienu fid-dover li jottjenu is-surroga fl-istess mument tal-pagament. Mhux hekk biss, izda l-istess pagament la sar f’isem il-konvenut u wisq anqas kellhom il-kunsens u awtorizazzjoni tieghu. F’cirkostanzi simili lanqas ma tidhol in vigore s-surroga ‘ex lege’. Kienet xelta taghhom li dahlu biex ihallsu l-ammont ta’ riparazzjoni inkors mit-terz akkwirent. Naqsu li jinvolvu ‘ab initio’ lil konvenut f’dan ir-rigward. Il-libera scelta taghhom ma kelliex tingombi fuq il-konvenut. Veru li huma ghaqqduh in-negozju ovjament bi skop ta’ lukru pero` dan ma sar qatt f’isimhom.

Se mai kellu jistitwixxi l-proceduri t-terz akkwirent. Lanqas ma jirrizulta xi assenjazzjoni ta’ drittijiet inkluzi dawk litigjuzi.

Mhux hekk biss. F’cirkostanzi simili ma tistax tigi promossa kawza idonea b’fatti simili. F’kaz ta’ bejgh jezistu l-actio redibitorja u dik aestimatoria. Id-danni huma konseqwibbli f’kaz ta’ mala fede f’dik redibitoria. Kawza ad hoc ghad-danni segwenti ghal difetti latenti ma kienxetx proponibbli. Dan huwa stipulat mill-ligi stess.

A rigward tad-difett per se ma hux wiehed ta’ natura latenti. Skond ic-certifikat peritali (Dok BB2 u Fol 13 et seq) kien facilment evidenti li kieku nqalet il-batterija. L-atturi mhux novizzi f’dan ix-xoghol u huma tal-mestier. Bi ftit attenzzjoni kienu jindunaw zgur!

Jiddeciedi billi filwaqt li jilqa` l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------